**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

# MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 53**

**Il-Ġimgħa 20 ta' Jannar 2023**

Il-Kunsilli Lokali ta' Marsaxlokk iltaqa' fil-binja tal-Kunsill Lokali, li tinsab 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, fl-16:30h.

**PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Steven Grech | - | Sindku |
| Elenia Desira | - | Viċi Sindku |
| Stephen Caruana | - | Kunsillier |
| Daniel Zerafa | - | Kunsillier |
| Dr. Mary Muscat | - | Kunsillier |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Charles Attard | – | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

| | |
|---|---|
| **53.1** | **Qari ta' ittri ta' apoloġiji** |
| 53.1.1 | Xejn |
| **53.2** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti** |
| 53.2.1 | Elenia Desira pproponiet u Stephen Caruana ssekonda bħala koretti, il-minuti tal-laqgħa Annwali ġenerali li saret f'Dicembru 2022 u ġew approvati b'votazzjoni unnanima fost dawk preżenti. |
| 53.2.2 | Elenia Desira pproponiet u Stephen Caruana ssekonda bħala koretti, il-minuti tas-seduta preċedenti numru 52 u ġew approvati b'votazzjoni unnanima fost dawk preżenti. |
| **53.3** | **Komunikazzjonijiet mis-Sindku.** |
| 53.3.1 | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li nhar it-13 ta' Jannar attenda għall-istedina dwar Tnedija tar-Reġjun għall Kultura ġewwa Bir Miftuħ il-Gudja. |
| 53.3.2 | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li nhar it-13 ta' Jannar kellu laqgħa mal-Ministeru ta' Stefan Zrinzo rigward il-bankini. Hawn intalbet għajnuna finanzjarja kemm għal bankini kif ukoll għad-Dog park. |
| 53.3.3 | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li nhar it-13 ta' Jannar kellu laqgħa mall-Perit rigward Sqaq Busbiesi, l-park ta' wara l-football ground u d-Dog Park ta' Triq il-Labour. B'dispjaċir ħabbar li l-applikazzjoni għall-ġnien wara il-football ground ma ġietx aċċettata. Is-Sindku talab spjegazzjoni.<br><br>DPF Funds - Ser issir talba għal fondi rigward Busbiesi Lane, imma il-bqija jibqgħu immirati għall proġett tal-binja tal-Kunsill.<br><br>Vot: Taqbel mal proposta Kif inhi?<br><br>**Isem** \| **Iva** \| **Le**<br>**Steven Grech** \| **X** \|<br>**Elenia Desira** \| **X** \|<br>**Dr. Mary Muscat** \| **X** \|<br>**Stephen Caruana** \| **X** \|<br>**Daniel Zerafa** \| **X** \|<br><br>Vot għadda b'mod unnanimu bejn dawk preżenti. |
| 53.3.4 | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li nhar id-19 ta' Jannar attenda konferenza stampa dwar Finanzjament ta' Progetti Kapitali – Kommunitajiet isbaħ u aktar b'saħħithom (għotja ta' fondi għad-*dog park*) |
| 53.3.5 | **Impjegata tal-Kunsill issir full time.** Is-sindku spjega kif l-impjegata tal-Kunsill ser tirtira u l-impjegata li bħalissa qeda part time għaddiet il-fazi ta probation u qed jipproponi li tinqaleb |

| | |
|---|---|
| | Full time. Kien hemm qbil unnanimu bejn dawk preżenti li mill-1 ta Frar 2023 din tigi mpjegata Full Time. |
| 53.3.6 | **Triq it-8 ta Mejju, wara Ħal Ġinwi, fejn se tinfetaħ it-triq il-ġdida**. Is-Sindku ressaq ilment mir residenti li inxtrat art mil-lands department fejn kien hemm passaġ min fejn jgħaddi l-ilma. Is-sindku ppropona li tintbgħat ittra bl-avukat sabiex jaraw x'jista jsir.<br><br>Rigward it-triq ħdejn Ġnien il-Familja fejn kien hemm bosta lmenti t'inċidenti tat-traffiku, ġiet milquha it talba sabiex ssir *Humped pedestrian crossing* u *speed bump* fil-kantuniera l-oħra. Is-Sindku staqsa jekk jaqblux li jsir hekk jew jingħata indikazzjoni min fejn sa fejn u jiddeċiedu Infrastructure Malta. Sar qbil fuq tal-aħħar. |
| 53.3.7 | **Triq tat-Tempji.** Ġiet diskussa fl-intervent mar-residenti. |
| 53.3.8 | **Monument fejn l-*Ispar*, flimkien ma ittra ta' resident li għamel riċerka.** Resident biddel fhemtu u xtaq li tinbidel pero din laħqet ġiet stampata. Ġie deċiż li l-iskrittura fuq il-plakka tibqa kif inhi u ma tinbidilx. |
| 53.3.9 | **Monti ta' fost il-ġimgħa u tal-Ħadd.** Sar qbil li ssir pjanta sħiħa bl-area kollha u l-kaxxi jiġu bil-qis indaqs u l-passaġġi inkluzi bejniethom u jerġu jiġu diskussi. |
| 53.3.10 | ***Fence* tal-Football Ground.** Dan ġie diskuss li jekk isir mill Kunsill jitellgħa ċint. |
| 53.3.11 | **Tabelli tas-CCTV f'Xatt is-Sajjieda.** Dan irid jiġi il-kuntrattur sabiex jara min fejn sa fejn iridu jiġu. |
| 53.3.12 | **Kuntratt tal-Kenniesa**. Ġie propost li tintbgħat *email* lil Cleansing department rigward l-MoU tal-Knis sabiex jiġi iċċarat jekk l-*agreement* hux ser ikun estiz. F'kas li le isir emergency agreement mal-kennies preċedenti, sabiex jaħdem il-perjodu sakemm toħroġ it-tender tal-knis ġdida. |
| 53.3.13 | **Tabelli tal-LESA max-Xatt.** Sar qbil mal-LESA fuq tabelli matul ix-Xatt is-Sajjieda. Is-Sindku spjega u ppreżenta pjanta ta fejn ser jiġu dawn *parking bays loading/unloading* u CCTV. Waqfa ta' mhux iktar min 15 minuta bejn 7am – 7pm. |
| 53.3.14 | **Reġgħet ġiet diskussa il-kwistjoni tal-*boat trips*.** Fejn ġie ċċarat li l-Kunsill prova jagħmel minn kollox biex jgħin lil dawn l-operaturi billi ittiehed vot li ikun hemm 3postijiet minn fejn jopperaw. Kif ukoll saru diversi laqgħat mal-awtoritajiet u l-pulizija. |
| **53.4** | **Intervent mill-pubbliku** |
| 53.4.1 | **Is-Sur Michael D'Amato** rapreżentant tad-dilettanti tal-Opri tal-baħar żgħar qal li hu bagħat ittra lis-Segretarju Parlamentari l-Onor. Alison Zerafa Civelli fejn spjega x'kiteb fl-ittra. Hu faħħar ix-xogħol tal-Kunsill Lokali u żied billi ppropona li iż-żona fejn issir manutenzjoni tal-opri iż-żgħar jieħu ħsieba il-Kunsill u jiġbor miżata. Flus ġenerati jintużaw għaż-żamma tal-post. Irrefera ukoll għal *mission funds* u ssuġerixxa li jintużaw biex il-baħar ma jiġix ikontaminat. Is-Sindku spjega li sajjieda barranin ma jitħallewx jinżlu fuq ix-xatt u allura iħamġu il-baħar. |

| | |
|---|---|
| 53.4.2 | **Is-Sur Malcolm Schembri.** Tkellem dwar triq ġdida proosta minn *Infrastructure Malta*. Hu f'isem ir-residenti ta' dik l-akwata talab sabiex ikun hemm alternattiva oħra fejn tisbokka it-triq dan sabiex ma tintilifx il-paċi ta din iż-żona. Daniel Zerafa spjega fid-dettal il-Local Plan dwar dawn it-toroq f'tas-silġ, fejn juri bidla min kif kien imfassal għall dak li pproponiet Infrastructure Malta.<br><br>Is-Sindku qal li ser ssir meeting ma *Infrastructure Malta* u ser iressaq iż-żewġ proposti. U talab li r-residenti jressqu l-petizzjoni tagħhom. |
| **53.5** | **Mistoqsijiet mill-Kunsilliera** |
| 53.5.1 | **Stephen Caruana** |
| 53.5.2 | Talab żewġ parking bays kull pont wieħed fuq kull naħa. Sar qbil unanimu. |
| 53.5.3 | Ressaq talba mingħand il-bejjigħa tal-Monti biex issir tabella NO Parking bejn 6am to 9am ma tul il ġimgħa kif ukoll Monti tal Ħadd no parking bejn 6am u 3pm. Ser jiċċekjaw. |
| 53.5.4 | Attività organizzata minn Stephen Caruana fit-2 ta' Frar 2023. Ħarġa għal President. |
| 53.5.5 | Attività organizzata minn Stephen Caruana fit-2 ta' Marzu 2023. Ħarġa l-Aquarium u Ikla. |
| **53.5.6** | **Elenia Desira** |
| 53.5.7 | Proponiet li issir attività għall jum il mara fit 8 ta Marzu. Il-Kunsill ppropona Kafe u Kejk. |
| 53.5.8 | Talbet biex isir *refreshing* ta' Triq Ċiċerun u Triq Arżnell u *zebra cross* Triq iż-Żejtun. Sindku qal li ser jibda dan ix-xogħol daqt filwat li għal Triq l-Arznell ser jitlob biex isiru il bankini u wara jsiru il bays. |
| 53.5.9 | Reġgħet fakkret fil-*camera* ħdejn il-magna tal-BCRS fejn ġiet risposta li din ser issir. Qeda fil process. |
| 53.5.10 | Staqsiet jekk tistax issir il-bankina ta' Triq Axtart. Is-Sindku qal li iva dik ser issir. |
| 53.5.11 | Van tal-Kommunita. Dalwaqt toħroġ l-iskeda. |
| 53.5.12 | Staqsiet għaliex l-aġenda m'għadiex titwaħħal man-Notice bord. |
| 53.5.13 | Yousafe, sar żball u ġie rranġat. Elenia irrimarkat ukoll li ħaddiema tal-Kunsill ma jistgħux iħaddmu il-paġni personali ta' xi kunsillier għax ikunu qed jiksru il-Kodiċi. |
| 53.5.14 | **Dr Mary Muscat** |
| 53.5.15 | Resqet domanda dwar il-filmat li nġibed meta ġie inawgurat il-proġett tar-roundabout kemm sew kif ukoll għaliex ma ssemmewx il-kunsilliera kollha. Ġie iċċarat li kien sar qbil ta' kif jinkitbu il-post fuq il-media soċjali. Il-filmat sar ukoll mid-Dipartiment. |

| | |
|---|---|
| 53.5.16 | Staqsiet kemm hemm ħaddiema fuq barra u min għand min jieħdu l-ordnijiet tax-xogħol. Sindku qalla li ser jinfurmaha kif ukoll li kull talba għal xogħol għanda titressaq l-uffiċċju tal-Kunsill u min hemm tiġi diskussa . |
| 53.6 | **Hatra tal-Bord tal-interview** |
| 53.6.1 | Inħatar il-Bord tal-interviews,  għall-ħatra tal-Ġardinar. Ġie propost li jkun iffurmat<br>mis- Sindku Steven Grech<br>Sur Adrian Mifsud<br>Sur Karl Cutajar<br>Sur Carmel Attard.<br>Sar qbil unnanimu bejn dawk preżenti. |
| **53.7** | **Programm tal-Karnival** |
| 53.7.1 | Ser issir Kompetizzjoni tal-Kostum tal-Karnival u jingħataw midalja. Il-programm dettaljat ser joħroġ aktar il-quddiem. |
| **53.8** | **San Girgor** |
| 53.8.1 | Ser issir l-attività bħas-soltu u kif inhi t-tradizzjoni. Sar qbil bejn kulhadd. |
| **53.9** | **Performance Bonus - DSE** |
| 53.9.1 | Performance Bonus tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv ġie approvat unnanimament. |
| **53.10** | **Planning Authority** |
| 53.10.1 | Xejn |
| **53.11** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskedi tal-Pagamenti** |
| 53.11.1 | Skeda pagament. Proponiet Elenia Desira u Stephen Caruana issekonda. Din ġiet approvata b'mod unnanimu bejn dawk preżenti. |
| **53.12** | **Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| 53.12.1 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-17.50h wara li ġiet eżawrita l-aġenda, u ġiet aġġornata għal nhar il-Ġimgħa 24 ta' Frar 2023 , fl-16.30h. |

Konfermati, illum 24 ta' Frar 2023

**IFFIRMATA**

__________________________

**Steven Grech**
*Sindku*

**IFFIRMATA**

__________________________

**Charles  Attard**
*Deputat Segretarju Eżekuttiv*